**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA, 27 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 283/01 AJD*

Benny Grech

vs

Supermaster Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta' April, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm193.37), prezz ta' tlett konsenji ta' merkanzija mibjugha lill-konvenut fis-Supermaster Supermarket. Il-konsenji huma dawn:-

18.10.2000 - Lm49.10 - invoice 010374 - Dok. A.
27.11.2000 - Lm63.14 - invoice 010462 - Dok. B.
22.01.2001 - Lm81.13 - invoice 010482 - Dok. C.
B'kollox mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm193.37).

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lilu. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' mija u tlieta u disghin liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm193.37).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR